# Kif Katerina saret l-Insett Nazzjonali ta' Malta



ta' Abner Joe Buttigieg u Dylan Farrugia
kofundaturi u amministraturi
tal-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni
tan-Naħla Maltija (VO/2403)

*24 ta' April 2026*

Għażiż Djarju,

Biżż! Biżż! Illum ftakart f'ġurnata importanti ħafna għalija: dakinhar li sirt l-insett nazzjonali ta' Malta! X'unur! Għax ftit annimali u pjanti jingħataw dan it-titlu importanti. Imma ftit jafu kif ġrat din il-ġrajja, u llum irrid nirrakkontahielek mill-bidu sal-aħħar.

Darba kien hemm grupp ta' nies qalbiena. Kienu japprezzaw ħafna x-xogħol u l-bżulija tiegħi u tan-naħal Malti. Xtaqu li jien, in-Naħla Katerina, bħala naħla Maltija, ningħata l-unur tal-insett nazzjonali. Kemm kont ferħana, għax qatt ma stennejt aħbar sabiħa bħal din! U mhux jien biss kont se nsir popolari, imma anke ħbiebi d-dakkara l-oħra, li bħali jagħmlu xogħol importanti ħafna għan-natura u n-nies, biex jikbru l-frott u l-ħaxix ħa jkollhom x'jieklu.



Imma fil-ħajja mhux kollox ward u żahar. Kien hemm ġurdien kattiv, makakk u brikkun li kif sema' l-aħbar beda jgħir għalija bil-kbir. Ma setax iniżżilha li jien u n-naħal Malti konna se ningħataw unur hekk importanti. Ried li t-titlu jingħata lill-ġrieden, minflok! Meta smajna dan tgħidx kemm dħakna! "Lanqas biss jaf li l-ġrieden mhumiex insetti!" bdejna ngħidu.

Iżda l-ġurdien, biex iqajjem rabja kontrina u jieħu t-titlu hu, beda jxerred mal-pajjiż il-gidba li jekk jien u n-naħal insiru l-insett nazzjonali ma jkunx hemm aktar għasel f'Malta! Qal li kieku nieqfu naħdmu għax nitkabbru!

Ta' ġurdien makakk imexxielu jqajjem rabja kbira. Ħafna emmnu l-gidba u ma riduniex insiru l-insett nazzjonali. Ta' xejn ippruvaw in-nies qalbiena jaqbżu għalina u jispjegaw li l-ġurdien kien qed jigdeb għax jgħir għalina. Belgħu l-gidba sal-gerżuma. Uff!

Il-ġurnata meta kellna mmorru l-Palazz biex ningħataw it-titlu kienet fil-qrib. Konna nafu li l-ġurdien ma kienx mistieden imma kien ġej xorta, biex jisfratta ċ-ċerimonja u jipprova jisraq it-titlu.

Għedna lin-nies qalbiena x'kien se jiġri u x'kienet l-ikbar dgħufija tal-ġurdien: għall-ikel kien jagħmel kollox għax żaqqieq mill-kbar. Ħriġna bi pjan irfinut biex ma nħalluhx ifixkilna l-festa: fil-mogħdija li kellu jgħaddi minnha nħallulu ħafna ġobon u nbid tajjeb x'jixrob. U hekk għamilna!

Waslet il-ġurnata taċ-ċerimonja. Maż-żerniq aħna n-naħal tirna lejn il-Palazz biex nippreparaw ruħna. Filgħodu wkoll il-ġurdien telaq għal għonq it-triq biex mingħalih jisfratta l-festa u jisirqilna l-unur. Imma f'nofs triq ra l-ġobon u ma felaħx jirreżisti! Intefa' jiekol, jibla' u jixrob l-inbid. Tant kiel u xorob li sar tqil ċomb u ma felaħx jagħmel pass ieħor... Sikek, raqad hemm u baqa' jonħor sakemm dalam!

Kemm fraħna li l-pjan tagħna mexxa! Issa ma kellna 'l ħadd ifixkilna, u b'hekk waqt iċ-ċerimonja ngħatajna t-titlu ferm speċjali! Minn dakinhar 'l hawn sirna l-insett nazzjonali ta' Malta!

Meta filgħaxija l-ġurdien qam u ġie f'sikktu tistgħu timmaġinaw kemm irrabja u għajjat! Imma kien tard wisq għalih, għax jien, Katerina, u l-bqija tan-naħal Malti konna sirna l-insett nazzjonali ta' Malta għal dejjem! Il-ġurdien baqa' b'xiber imnieħer għax ma seta' jagħmel xejn biex ineħħilna t-titlu li ksibna bil-bżulija u bl-għaqal tagħna! Tgħidx kemm daħak bih kulħadd, u għalkemm għadu rrabjat aħna ħfirnielu. Nisperaw biss li ma jerġax jagħmel xi oħra minn tiegħu!



*Dejjem tiegħek,*
*Katerina*